MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 890/2007

***Antonio Scicluna***
***I.D. 350435 (M)***

***Vs***

***Daniel Cilia***

***It-Tribunal***,

Ra l-Avviz fejn l-attur talab lil dan it-Tribunal jikkundanna u jordna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1000) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), rapprezentanti l-bilanc minn somma certa, likwida u dovuta skond il-ftehim tas-6 ta' Settembru, 1998 u dana stante morozita' fil-pagamenti bi ksur ta'l-istess ftehim u sussegwenti telfien tal-beneficcju tat-terminu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju, 2003 u bl-imghaxijiet legali sal-effettiv pagament.

Ra x-xhieda tal-konvenut li ammetta t-talbiet attrici.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi l-attur talab l-ammont ta’ elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), minghand il-konvenut u dan wara li naqas li jhallas skond ftehim tas-6 ta’ Settembru, 1998.

Il-konvenut ammetta quddiem dan it-Tribunal, li kien ghadu debitur fil-konfront ta’ l-attur.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bl-ispejjez u bl-imghax, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------